**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 185/2020 AF**

**Catania Fisheries Limited (C-72318)**

**vs**

**Adrian Zerafa**

**u b'digriet tat-23 ta' Gunju 2020 il-Qorti ordnat li tissejjah fil-kawza Power Plus Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-soċjetà attriċi Catania Fisheries Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-soċjetà rikorrenti hija proprjetarja tal-*warehouse* 'G11' u 'G12' sitwati ġewwa Triq Santu Kristu, Ħal Għaxaq.

Fuq is-saqaf tal-imsemmija *warehouse* proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, hemm installazzjoni ta' diversi panelli solari, li huma wkoll proprjetà tar-rikorrenti, fejn tali panelli solari jiġġeneraw l-elettriku.

Fl-24 ta' Frar tas-sena 2019, il-panelli solari tar-rikorrenti installati fuq is-saqaf tal-*warehouses* msemmija, ġarrbu ħsara sostanzjali u ma baqgħux jaħdmu u jiġġeneraw l-elettriku minħabba l-fatt illi l-panelli, proprjetà tal-intimat, inqalgħu u spiċċaw fuq is-saqaf tal-*warehouses* tar-rikorrenti fejn hemm il-panelli solari.

Apparti l-ħsara viżibbli kkaġunata lil panelli solari tar-rikorrenti, ir-rikorrenti tilfet il-benefiċċju tas-sussidju fuq il-kont tad-dawl minħabba l-fatt illi l-panelli odjerni kienu jipproduċu l-elettriku u minħabba l-ħsara, dawn ma baqgħux jipproduċu l-enerġija solari.

Minkejja diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti sabiex l-intimat jersaq għal likwidazzjoni ta' danni u ħlas ta' kumpens dovut għal ħsara u danni li ġarrbet l-istess soċjetà rikorrenti, huwa baqa' inadempjenti.

L-elementi ta' delitt ċivili jikkonkorru kollha fil-każ odjern, b'hekk kellhom jiġu addotti dawn il-proċeduri.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għal ħsarat ikkawżati lill-panelli solari proprjetà tar-rikorrenti u li ġew ikkaġunati mill-proprjetà tal-istess intimat.

2. Tillikwida okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominand, l-ammont ta' ħsarat li ġarbu l-panelli solari tar-rikorrenti, riżultanti mill-inċident in kwistjoni.

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti is-somma hekk likwidata għal ħsarat ikkawżati lill-panelli solari proprjetà tar-rikorrenti.

4. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli għat-telf ta' introjtu/sussidju mitluf mir-rikorrenti fir-rigward tal-enerġija solari li ma ġietx iġġenerata a kawża tal-ħsarat ikkawżata mill-proprjetà tal-intimat.

5. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominand, l-ammont ta' introjtu/sussidju mitluf mir-rikorrenti fir-rigward tal-enerġija solari li ma ġietx iġġenerata b'konsegwenza tal-ħsarat ikkawżati lil panelli solari.

6. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata konsistenti fl-ammont ta' introjtu/sussidju mitluf mir-rikorrenti fir-rigward tal-enerġija solari li ma ġietx iġġenerata b'konsegwenza tal-ħsarat ikkawżati lil panelli solari da parti mill-intimat.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 4253/19 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Adrian Zerafa, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Preliminarjament il-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eċċipjent ma kkaġuna ebda danni lir-rikorrent.

Subordinament u bla preġudizzju għall-premess mhux minnu li l-panelli proprjetà tal-eċċipjent waqgħu fuq il-warehouse tar-rikorrenti kif allegat.

Bla preġudizzju għal premess mhux minnu li l-intimat tilef xi benefiċċji kif minnu allegat u fi kwalunkwe każ huwa għandu wkoll l-obbligu li jimminimizza d-danni jekk veru dan kien il-każ.

L-eċċipjent ordna l-panelli tiegħu mingħand Power Plus Limited u dawn il-panelli fil-fatt kienu ġew suppliti u nstallati fuq il-proprjetà tal-eċċipjent mill-istess kumpanija.

Dakinhar tal-24 ta' Frar 2019 kien seħħ riefnu u xi panelli tal-eċċipjent nqalgħu minn posthom u ttajjru għal għand il-ġar tiegħu u mhux fuq il-proprjetà tar-rikorrenti kif allegat.

Dakinhar li ttajjru l-panelli taret ukoll biċċa ġebla li magħhom kienu marbuta nparti l-imsemmija panelli u kienet proprju dik il-ġebla li spiċċat fuq il-panelli tar-rikorrent.

L-eċċipjent nkariga lill-Inġinier Ian Busuttil sabiex jikkonstata l-fatti, u ġie skopert illi l-installazzjoni tal-panelli tal-eċċipjent li saret minn Power Plus Limited kienet fil-fatt difettuża u dan kif jirriżulta mill-anness rapport tekniku hawn anness bħala Dok AZ1.

In segwitu għal dan ir-rapport, is-soċjetà Power Plus Limited esegwiet xogħlijiet rimedjali taħt id-direzzjoni tal-imsemmi Inġinier Ian Busuttil.

Għalhekk kwalsiasi ħsarat u danni kkaġunati lir-rikorrent jekk seħħew, dawn taħti għalihom unikament is-soċjetà Power Plus Limited.

Fi kwalunkwe każ, fil-konfront tal-eċċipjent, dak li ġara fir-rigward kif ttajru l-panelli u kwalsiasi ħsarat riżultanti kien riżultat ta' forza maġġuri, u l-eċċipjent ma kellu ebda kontroll fuqu u ħtija għal li ġara.

In vista ta’ dak premess, l-eċċipjent qiegħed ukoll kontestwalment jintavola rikors għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Power Plus Limited sabiex tirrispondi għal kull kwalsiasi nuqqasijiet da parti tagħha in rigward dak li ġara.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi b’digriet tat-23 ta’ Ġunju 2020 il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimat ai termini tar-rikors tiegħu tal-15 ta’ Mejju 2020 u ordnat is-sejħa fil-kawża ta’ Power Plus Ltd.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Power Plus Limited li permezz tagħha eċċepiet:

Preliminarjament is-socjetà esponenti tecepixxi illi hija ma hijex il-legittimu kontradittur f’dawn il-proceduri u dan peress illi hija ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u ma kkawzat l-ebda danni lill-istess.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jecepixxi illi fid-data citata mir-rikorrent u cioè fl-24 ta’ Frar 2019, kien hemm rwiefen u rih qawwi li kkawzaw danni kbar u kienu hafna l-pannelli solari li kienu affettwati u ghalhekk kull dannu u hsara li setghet inqalghet minhabba fil-maltemp grat minhabba forza magguri, minhabba l-maltemp qawwi li hakem lil dawn il-gzejjer dakinhar.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fatti kif iddikjarati mill-intimat ghal dak illi jirrigwarda s-socjetà attrici huma ghal kollox inveritieri u infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jintwera fil-mori ta’ dawn il-proceduri, u kull dannu li gara jew li seta’ gara lill-intimat dakinhar, ma kienux tort ta’ jew ikkawzati mis-socjetà esponenti, tant illi l-insurance tieghu accettat illi thallas ghad-danni sofferti minnu meta taret parti mis-sistema.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sistema kienet ilha installata ghal xi zmien u s-socjetà esponenti ma ghandha qatt tirrispondi ghan-nuqqasijiet tal-intimat Adrian Zerafa fiz-zmien meta s-sistema kienet installata ghandu u din

hija l-ewwel darba illi s-socjetà esponenti qed tigi msejha sabiex tirrispondi ghad-danni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent kif ukoll l-intimat li sejjah lill-esponenti fil-kaz, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża dwar danni konsistenti fi ħsara lil erba' pannelli solari wara maltemp senjatament riefnu qawwi li laqgħat il-ġżejjer Maltin fit-23 ta' Frar 2019.

Permezz ta' din il-kawża s-soċjetà rikorrenti qegħda tfittex li tikseb dikjarazzjoni li ġarrbet danni fil-proprjetà tagħha u cioè ħsara fil-pannelli solari nstallati fuq il-*warehouses* bin-numru G11 u G12 fi Triq Santu Kristu, Ħal Għaxaq. Talbet għalhekk il-likwidazzjoni tad-danni konsistenti dawn *sia* fi ħsarat materjali u riparazzjonijiet kif ukoll fit-telfien ta' introjtu finanzjarju konsegwenza tal-fatt li minħabba l-ħsarat li żviluppaw il-pannelli ma ġġenerawx enerġija solari.

L-intimat laqa' għall-azzjoni attriċi billi eċċepixxa li huwa mhuwiex responsabbli għad-danni kkaġunati lis-soċjetà rikorrenti. Waqt li jirrikonoxxi l-fatt li s-soċjetà rikorrenti ġarrbet ħsarat konsegwenza ta' pannelli proprjetà tiegħu u kantun li taru minn fuq il-bejt tiegħu għal fuq dak tas-soċjetà ntimata kawża ta' riefnu, huwa jallega li hija s-soċjetà kjamata in kawża li għandha twieġeb għad-danni. Fil-fehma tal-intimat, Power Plus Limited installat il-pannelli fuq il-proprjetà tiegħu b'mod difettuż u dan skont kif konstatat mill-Inġinier Ian Busuttil minnu nkarigat sabiex iħejji rapport dwar id-danni konsegwenzjali.

Mill-banda l-oħra s-soċjetà kjamata in kawża eċċepiet illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi għaliex m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti. Ċaħdet ukoll kwalsiasi responsabbilità għad-danni u tenniet li l-ħsarat huma unikament dovuti għall-maltemp li żviluppa. Żiedet teċċepixxi wkoll li l-pannelli kienu ilhom installati fuq il-bejt tal-intimat u li għalhekk ma tistax hi tiġi ritenuta responsabbli għal nuqqasijiet da parti tal-intimat.

L-intimat Adrian Zerafa ammetta li l-ħsara seħħet kif jingħad mir-rikorrenti. Huwa xehed illi konsegwenza tar-riefnu u tal-installazzjoni ħażina tal-panneli, xi pannelli taru minn fuq il-bejt tiegħu għall-fuq il-bjut tal-ġirien inkluż dak tar-rikorrenti. Xehed ukoll li inqala' wkoll kantun li miegħu kienet imwaħħla parti mill-istruttura li fuqha kienu nstallati l-pannelli. Il-kantun tar fuq il-bejt tar-rikorrenti u kkawża ħsarat. In korroborazzjoni ta' dak illi xehed, l-intimat ippreżenta wkoll għadd ta' ritratti li juru aħjar dak illi ġara.

Fuq inkarigu tal-intimat, l-Inġinier Ian Busuttil mar fuq il-post u ħejja rapport tal-ħsarat kollha. Meta xehed quddiem din il-Qorti huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport tiegħu u żied jgħid illi "*s-sistema ma kinitx maħduma bi professjonalità*. L-istruttura ġiet magħquda mhux skont is-sengħa" kif ukoll illi l-istess struttura kienet "*deficenti*" saret b'mod "*gravi ħafna*" u li l-"*workmanship kien totalment ħażin*". (a fol. 111 tal-proċess).

*In primis* ġie eċċepit mis-soċjetà kjamata in kawża illi mhijiex leġittima kontradittriċi għat-talbiet attriċi għar-raġuni li hija qatt ma kellha ebda rabta ġuridika mar-rikorrenti. Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li qatt ma kien hemm relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrenti u l-kjamata. Ir-relazzjoni ġuridika tal-kjamata kienet mal-intimat. Biss, peress illi fil-kawża ta' llum l-intimat qiegħed jiġi mfittex għad-danni li ġew ikkawżati lir-rikorrenti, il-kjamata saret ukoll għall-prattiċita' sabiex tiġi evitata molteplicità ta' kawżi. Fl-istess waqt, is-sejħa saret ukoll sabiex jiġi żgurat li kull min għandu ness mal-mertu u kull min jirriżulta jkun responsabbli fir-rigward tar-rikorrenti, ikun parti u parteċipi b'mod attivi fl-odjerni proċeduri. Fil-każ tal-lum l-intimat qiegħed jisħaq li d-danni li avveraw huma kollha attribwibbli

esklussivament lis-soċjetà kjamata li naqset fl-obbligi tagħha meta ma nstallatx il-pannelli tal-intimat skont is-sengħa u l-arti. Għalhekk, flok ma ħalla din il-kawża tgħaddi in ġudikat imbgħad fetaħ proċeduri fil-konfront tal-kjamat, l-intimat għaraf jagħżel it-triq ta' process aktar espedjenti. Għalhekk, għad illi Power Plus qatt ma kellha relazzjoni ġuridika direttament mar-rikorrenti, l-interess tagħha huwa naxxenti mill-fatti li l-intimat li huwa klijent tal-kjamat, qiegħed passibbli għad-danni kkawżati mill-aġir tal-kjamat. Dan inissel fil-kjamat l-interess li trid il-liġi.

Power Plus eċċepiet ukoll illi ma tistax tinżamm responsabbli għall-ħsarat li avveraw kawża ta' negliġenza tal-intimat. B'din l-eċċezzjoni donnha qed tallega li l-intimat naqas milli jagħmel xogħol ta' manutenzjoni. Il-soċjetà kjamata in kawża naqset milli tressaq prova ta' dan u għalhekk din tibqa' biss allegazzjoni.

Il-Qorti tosserva wkoll illi Power Plus ħadet rwol passiv għall-aħħar tant li ma ressqet ebda provi in sostenn tal-allegazzjonijiet tagħha. Lanqas ma kkontestat l-istima tad-danni li ġiet esebita fl-atti jew ix-xhieda tal-Inġinier Ian Busuttil dwar il-modalità ħażina li biha ħadmet fl-installazzjoni tal-pannelli fuq il-bejt tal-intimat. Għal din il-Qorti s-silenzju tas-soċjetà kjamata in kawża huwa ammissjoni impliċità tan-nuqqasijiet tagħha għaliex li kieku ma kienx hekk kieku żgur illi kienet tagħraf tiddefendi ruħha kontra l-allegazzjonijiet fil-konfront tagħha.

Madanakollu, huwa miżmum fil-ġurisprudenza illi:

> "non puo un vicino esimersi dall'obbligo di rimuovere la causa deid anni che soffrisse l'alto vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altro" (Borg vs Falzon – Vol lll.6) kif segwita (Gatt vs Camilleri 28 ta' Jannar 2004) u Attard vs Portelli (3 ta' Jannar 2003).

Il-pretensjoni attriċi hija għad-danni konsistenti fi ħsarat materjali kif ukoll f'telf ta' introjtu konsegwenza tal-fatt li minħabba l-ħsarat li żviluppaw fil-pannelli dawn ma ġġenerawx enerġija solari.

Dwar id-danni materjali, in atti ġiet ippreżentata stima għas-somma ta' €2,258.38. Stima li Clint Catania għas-soċjetà rikorrenti talab u kiseb mingħand Luxury Living Technologies liema ditta kienet l-istess li mingħandha r-rikorrenti xtrat il-pannelli in kwistjoni.

Jean Paul Busuttil in rappreżentanza ta' Luxury Living Technologies ikkonferma li l-istima kienet maħruġa mid-ditta minnu rappreżentata. Żied jgħid li għad li huwa minnu li l-istima hemm kontenuta kienet reali fis-sena 2019 il-prezzijiet illum inbidlu drastikament.

Nonostante dak illi xehed Busuttil għar-rigward ta' varjazzjoni sostanzjali fil-prezzijiet tal-materjal, in atti ma ġiet ippreżentata ebda stima riveduta u għalhekk il-Qorti sejra tistrih biss fuq dak li għandha in atti.

Kwantu għat-talba tar-rikorrenti għad-danni minħabba nuqqas ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, jirriżulta li ebda danni ma huma dovuti f'dan ir-rigward. F'dan il-kuntest xehed l-Inġinier Peter Mifsud in rappreżentanza tar-Regolatur tal-Enerġija u l-Ilma (REWS). Spjega illi s-sistema tal-pannelli tar-rikorrenti qatt ma kienet liċenzjata u qatt ma kienet operattiva. Issokta jgħid illi għalkemm ir-rikorrenti kien applika sabiex is-sistema tiegħu titqabbad mal-*grid*, huwa qatt ma segwa l-proċess dovut u għalhekk is-sistema qatt ma tqabbdet mal-*grid*. Xehed ukoll illi jekk kemm il-darba tiżviluppa ħsara f'pannella is-sistema xorta tkompli taħdem u jkun meħtieġ biss li tinbidel il-pannella difettuża.

La darba ma jirriżultax li l-pannelli tar-rikorrenti kienu qegħdin jiġġeneraw l-enerġija, ebda danni m'huma dovuti essenzjalment għaliex la darba s-sistema ma kienx produttiva allura ma ġġarrab ebda telf.

Fid-dawl tal-imsemmija fatti u tal-kunsiderazzjonijiet appena magħmula, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti għandu jedd għad-danni minnu mġarrba. Għalhekk qed tillikwida favur tiegħu is-somma ta' €2,258.38 skont kif stmat mis-soċjetà Luxury Living Technologies fuq inkarigu tal-istess rikorrenti.

Dawn id-danni għandhom jitħallsu mill-intimat u s-soċjeta` msejjħa fil-kawża in solidum.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u tas-soċjeta` Power Plus Limited;

2. Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba u waqt illi tiddikjara lill-intimat u lis-soċjetà Power Plus Limited responsabbli għad-danni, tillikwida s-somma ta' elfejn mitejn u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u tletin centezmu (€2,258.38) rappreżentanti danni mġarrba mir-rikorrenti. Tkompli tipprovdi billi tikkundanna lil Adrian Zerafa u lil Power Plus Limited flimkien in solidum jħallsu d-danni likwidati inkluż l-imgħaxijiet relattivi sad-data tal-ħlas effettiv;

3. Tiċħad il-bqija tat-talbiet għaliex mhux mistħoqqa.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat u mis-soċjetà Power Plus Limited in solidum flimkien.

IMHALLEF

DEP/REG